# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum 12 ta' Ġunju, 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 103/2019 MH**

**Numru: 3**

**Carmel Mintoff**

**Anna Mintoff**

**Dolores Mintoff**

**vs**

**Emmanuel Bezzina u b'digriet tal-24**

**ta' Mejju 2019 intervenit fil-kawża**

***in statu et terminis* Veronica Brincat.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Emmanuel Bezzina datat 29 ta' Diċembru, 2022[1] fejn għar-raġunijiet hemm premessi talab illi tiġi ġustifikata l-kontumaċja tiegħu u li jitħalla jintavola risposta ulterjuri.

[1] Folio 119

Rat li għal din it-talba l-atturi ma rreġistraw ebda oġġezzjoni.[2] Da parti tagħha l-intervenuta *in statu et terminis* opponit din il-ġustifikazzjoni bil-qawwa.[3]

Ikkonsidrat

1. Illi mill-atti jirriżulta lli din il-kawża ġiet intavolta fl-4 ta' Frar, 2018. Jirriżulta wkoll illi Emmanuel Bezzina ġie fil-fatt notifikat bir-rikors ġuramentat fit-18 ta' Marzu, 2019

Nonostante ċioe' Emmanuel Bezzina baqa' kontumaċji.

Però l-istess Bezzina għalkemm ma ndenjax li jippreżenta risposta ġuramentata tiegħu, xorta deher għal xi seduti debitament assistit. Jirriżulta wkoll illi fis-seduta tal-15 ta' Diċembru, 2021 Bezzina tela' jixhed.[4] Għalkemm mhux b'mod għal kollox ċar, hu ta spjegazzjoni kif skontu l-intervenuta fil-kawża Brincat ġegħlitu jiffirma xi karti quddiem Nutar u b'hekk skontu ħaditlu xi propjetà u flus li hu ma kellu ebda intenzjoni li jagħtiha. Xehed *inter alia* li sar jaf lil Veronica Brincat mill-ħanut li kellu Birkirkara u li kien anke isselifha/jagħtiha/ jgħinha bil-flus.

Xehed ukoll li hu taha dak li ħadet għax ma kienx jaf x'inhu jagħmel. Moħħu ma kienx f'siktu.

2. Tinnota ukoll illi l-atturi għalqu l-provi tagħhom fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2022.[5]

3. Kif ġia ingħad dan ir-rikors in eżami għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja ta' Emmanuel Bezzina ġie ntavolat fid-29 ta' Diċembru, 2022. Għandu jingħad ferm tard fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Fil-fatt l-intervenuta fil-kawża kienet ġia bdiet bil-provi tagħha. **Ma' dan ir-rikors Bezzina annetta ċertifikat mediku tat-tabib Psikjatriku Dr. Ethel Felice datat 15 ta' Jannar, 2021. In suċċint dana jaqra li Bezzina kien ilu ibati**

[2] Folio 124
[3] Folio 126
[4] Folio 61 sa 67.
[5] Folio 74

**minn Schizophrenia mis-sena 2013 u li kien għamel żmien taħt kura. Jgħid ukoll l-istess ċertifikat illi l-aħħar li ġie *reviewed* kien fis-sena 2019.**

4. **Però**, nonostante dan iċ-ċertifikat Emanuel Bezzina daħal ġo kuntratt ta' donazzjoni ma' Tiziana Brincat dan fis-sena 2016: Dok VB1[6]. Imbagħad fis-sena 2017 għamel rexxissjoni tal-istess donazzjoni; Dok VB2.[7]

5. Tara wkoll illi fis-26 ta' Settembru, 2017 ikkontesta wkoll fl-Atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni; Dok VBX3[8].

6. Tqies ukoll illi sussegwentement ikkontesta b'risposta ġuramentata t-talbiet avvanzati minn Veronica Brincat bir-rikors ġuramentat 774/**2017**AF. Ingħatat ukoll sentenza fir-rigward: Dok VBX4[9].

Ikkunsidrat:

7. Illi fil-kamp tal-purgazzjoni tal-kontumaċja l-liġi tgħid u l-ġurisprudenza tgħallem li:-

-skont l-**<u>Art 158(1) tal-Kap 12</u>**, il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm il darba ma jkunx se jammetti t-talba.

-skond l-**<u>Art 158(10) tal-Kap 12</u>**, jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l -artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiggedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.

[6] Folio 96
[7] Folio 100
[8] Folio 106
[9] Folio 108

Il-ġurisprudenza tagħna hija konkordi dwar il-prinċipji li jirregolaw il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja. Dwar dawn il-prinċipji hemm ampja riferenza fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/LSO**) fis-17 ta` Marzu 2015 fil-kawża "**Simone Eve Collett Sammut et vs Adam Sammut et**" fejn ingħad hekk :-

*"Id-deċiżjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn ġew elenkati l-prinċipji li ġejjin rigwardanti l-kontumacja :-*

*(1) Il-kontumacja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*

*(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment Leġittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill- volonta` tal-kontumaci;*

*(6) L-iżball mhux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invincibbli, għaliex jekk ikun vincibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossiblita' li wieħed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

*Kif intqal fis-sentenza **Carmelo Bugeja v Mary xebba Farrugia** (A.C. 16 ta' Frar 1996) :-*

*"F'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-'culpa' u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista'*

*tilmenta minn xejn għaliex 'qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire'."*

*Fil-kawża fl-ismijiet "**__Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd__**", deċiża fit-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet iżda li :-*

*"L-istitut tal-kontumaċja minn dejjem kien suġġett ta' kontroversja. Dan hu hekk minħabba l-fatt li l-effetti tiegħu – ta' natura punittiva – huma odjużi. L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-mħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumacja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-mħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." (Ara wkoll "Vella pro et nomine v. Vella", Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); "Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi," deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili fit-12 ta' Diċembru 1975, "Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul "deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)* (dan kif ċitat fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC vs Standard Chartered Bank** datata 14/01/2019.)

8. Huwa għalhekk fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, ukoll ma' dawk korettement enunċjati fin-nota ta' l-intervenuta fil-kawża, li l-Qorti se tivaluta t-talba ta' Bezzina għal purgazzjoni tal-kontumaċja tiegħu.

9. Emmanuel Bezzina jispjega u jipprova jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jressaq risposta ġuramentata fiż-żmien perentorju li trid il-liġi billi jressaq rikors fejn fih jagħti stampa li hu kien taħt il-kontroll u effett ta' Veronica Brincat, maħkum minnha, ukoll illi minħabba f'hekk u għax anke kien vulnerabbli, sofra mentalment, ukoll spiċċa jieħu kura mentali u kien xi ġranet ġewwa Mount Carmel, għalhekk m'għarafx l-importanza li jirrispondi għar-rikors ġuramentat. Kif ingħad Bezzina prezenta mar-rikors in eżami ċertifikat ta' psikjatra Felice.

10. però fil-konfront ta'dan iċ-ċertifikat il-Qorti tqies li huwa wieħed monk għal l-għan li jrid jilħaq in kwantu mhux ġuramentat, ukoll iġib id-data tas-sena 2021 li ma jagħti ebda ħjiel ta' l-istat mentali tar-rikorrenti meta kien obbligat li jippreżenta risposta ġuramentata. L-istess ċertifikat huwa fjakk ukoll għall l-iter li segwa Bezzina fil-kura, l-gravita' tal-kundizzjoni tiegħu ukoll jekk f 'xi żmien in partikolari kien tant afflit li ma kienx kapaċi li jieħu deċiżjonijiet appositi.

11. Oltre dana l-Qorti tqies kif ġie muri *supra* li Bezzina iddeċieda li jressaq it-talba tiegħu għal ġustifikazzjoni tal-komtumaċja tiegħu sentejn u oltre wara li tressaq ir-rikors ġuramentat, dan nonostante li hu attenda għas-seduti, pparteċipa billi ttela' jixhed u meta kien assenti kien rappreżentat mill-avukat li tiegħu għandha l-patroċinju.

12. Tara wkoll illi s-sentenza li tilef l-istess Bezzina fejn ġiet milqugħa *inter alia* it-talba ta' Veronica Brincat li bintha kienet qed tidher fuq il-kuntratt msemmi 'l fuq tad-donazzjoni tal-penthouse li taha Bezzina, bħala prestanome għaliha. Din is-sentenza llum tinsab appellata. Ukoll li nonostante din is-sentenza li ngħatat fl-10 ta' Lulju, 2019, Emmanuel Bezzina ftit qabel għadda biex ma' bint l-intervenuta fil-kawża jirrexxindi l-istess donazzjoni.

13. Frankament mill-iter ta' dak li jidher mill-atti, u mingħajr riflessjoni ulterjuri ta' dak li għad irid jirriżulta f'din il-kawża, l-Qorti ma tarax li Emmanuel Bezzina ressaq xi *kawża ġusta* għala naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fiż-żmien statutorju. Jippretendi li llum snin wara li nbdiet din il-kawża, **meta bdiet il-provi tagħha l-intervenuta** u nġabu a konjizzjoni ta' din il-Qorti l-atti riferuti supra, li b'hekk issa għandu javvanza d-difiża tiegħu, meta hu ilu ben konnoxxenti tal-pożizzjoni tiegħu mill-bidu nett.

14. Dak li hi rinfaċċata bih il-Qorti llum żgur mhux il-*kawża ġusta* li trid il-liġi għal purgazzjoni tal-kontumaċja, għax kieku hekk isir parodija tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ritwali tagħna u tinħalaq anarkija fil-proċess ġudizzjarju. Id-dixxiplina tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi tal-Proċedura mhux qegħda hemm b'xi kapriċċ imma biex tistabbilixxi ċertezza fil-proċeduri u tagħti lill-partijiet fakolta' identika fil-proċess ġudizzjarju ukoll struttura lil l-istess proċess. L-eċċezzjoni li tippermetti l-liġi fil-każ in eżami, kwalifikata bil-kliem *kawża ġusta,* ma jistgħu qatt jemerġu minn

tkaxkir tas-saqajn u ħin silettiv ta' meta għandha tiġi preżentata d-difiża opportuna.

**Konsegwentement tiċħad it-talba ta' Emmanuel Bezzina għal ġustifikazzjoni tal-kontu maċja tiegħu.**

**Onor Imħallef  Miriam Hayman**

**Rita Falzon.**

**Deputat Registratur**